# PAĊI U GWERRA

## DEHRIET

Kont waħdi ġo kamarti,
Għajnejja magħluqin u rasi mdendla
Fuq kitba li ma stajtx intemm bis-sliema.
Waqajt lubien
U ħsiebi ġarrni fuq il-ġwienaħ tiegħu
Fil-bogħ'd, fuq art xemxija.
Kien hemm djar sbieħ, djar hienja
Fuq dik l-art donnha ħolma,
U mit-twieqi mberrħin kienet tinsama'
Ħelwa, rżina, ferrieħa.
Il-għanja ta' l-Imħabba.

Kien hemm fil-qrib xi ġonna,
Ġonna saħħara, fejn il-ħdura sfiqa
Kienet xhieda ta' ħidma għalenija
Ta' mħuħ u ta' dirgħajn dejjem f'sikkithom:
U mal-ħdura sabiħa
Tlellix ta' ward ifuħ, żanżin ta' naħal,
Ilħna ta' tfal godlija w għana ħelu
Ta' għasafar bl-eluf.

U rajt fil-bogħ'd irħula
Ħajjin bil-ħsejjes ta' ħidmiet bla għira,
U madwarhom
Raba' jmewweġ biż-żara' w ħbula jħammru
Bis-silla tagħna li max-xemx titbewwes.

Ħarist 'il fuq biex nara jekk is-sema
Kienx jaqsam magħna dak il-ġid u l-hena:
U rajt ħaġa tal-għaġeb:
Fuq l-ikħal mingħajr tebgħa,
Imżejjen bl-oħla dawl ta' xemx ħanina
Kien hemm miktuba—mill-idejn ta' l-anġli?—
Il-kelma "PACI."

* * *

Fil-ħin waqgħet bħal dalma
U ħsiebi ġarrni fuq il-ġwienaħ tiegħu
Ġo belt imdaħħna mingħajr ward u siġar.
U jiena smajt
Ħsejjes ta' ħidma mingħajr sliem u hedu,
Kliem imgħaġġel, theddid, amâr ta' qilla,
Taħdit mintaħt il-lsien f'xi rokna mwarrba
Minn nies b'għajnejhom jibru minn ġol-maskra.

Tnehidt u ħassejt rogħda
Tiġri ma' ġismi kollu. Leħen kiebi
wissieni b'kelma ħelwa: agħar bil-bosta
Għad tisma' u tara. Fuq il-ġwienaħ tiegħu
Eħfef mir-riħ ġarrni bla kelma ħsiebi
F'sala sabiħa ta' palazz mill-isbaħ.

Fuq mejda kbira
Kien hemm l-għodda tal-kitba, u tnewweb magħha,
It-tifkira miktuba
Ta' li kien għadda f'dik is-sala sbejħa.
Bellus għani
Kien jiksi s-siġġijiet madwar il-mejda
Li kellhom id-dirgħajn milwija ħelu
Biex ma jaħqrux lil min jintasab fihom:
Iżda la fuq il-mejda
Anqas imkien fis-sala
Ma kienet tidher ta' Min ħabb is-Sewwa
Ix-xbieha mpikkta fuq salib imsammra.

Sew sew kif kien imwaqqat,
Rajt jinġemgħu xi nies, wiċċhom daħkani;
Iżda minn ħbub għajnejhom kienet tixref
Il-fehma mdardra ta' kull wieħed minnhom.
B'nofs daħka fuq xofftejha,
Kienet għassiesa ta' l-ibwieb il-Ħjiena;
Qaddejja tagħha, l-Għawġ, il-Qerq, il-Gidba.
Jien qatt ma fhimt daqs dak-in-nhar kemm tista'
Il-Kelma taħbi dak li minnha tfisser
U turi ħaġa b'oħra:
Fit-taħdit ta' kullħadd imħabba u tjieba;
Fil-kenn tal-ħsieb, għira, mibegħda u qilla.

Stħajt u tbikkimt: minn xfar għajnejja qabeż
Jaħraq id-dmugħ, u xtaqt—Mulej, aħfirli!—
Xtaqt li l-art tibla' 'l dak il-ġens ħassari;
Iżda leħen widdibni:
Arfa' d-dmugħ għal ħin ieħor: għad fadallek
X'tistkerrah u x'tistmerr. U ħiemed ħiemed
Ħsiebi refagħni fuq il-ġwienaħ tiegħu
u ħadni f'belt bejn art u sema u baħar
Imdawwra kullimkien bi djar is-sengħa.

Hawnhekk smajt ħsejjes ta' nirien ivenvnu
Taħt inħajjes ibaqbqu, fwar itextex,
Ħadid iċaqċaq taħt id-daqqa tqila
Ta' mrietel qawwijin; azzar imdewweb

Jissawwab jagħrar ġo ħofriet tat-tafal
Fejn jiġġieled u jdaħħan, u fil-ġlieda
Jieħu suriet bl-eluf; twerdin ta' roti,
Tbarbir ta' ċingi u ġiri mingħajr heda
Ta' nies mitlufa f'dak il-lhiġ bla sabar;
U minn kull rokna l-Mewt, b'ixdqa bla laħam,
Tqarmeċ snienha mfarrdin f'daħka faħxija.

Ħarist fil-bogħ'd u rajt fis-sema safi
Fejn tinħadem ix-xita
—Ix-xita t'Alla li f'newbitha tinżel
Bnina w-itħejji ta' l-uċuħ il-għalel—
Jittajru eħfef mir-riħ isqra maħduma
Mill-Mibegħda u mill-Qilla, ħbub għajnejhom
Jiflu bir-reqqa fejn l-aħjar tiżżerżaq
Il-mewt magħluqa ġo l-azzar: għalihom
Minsuba 'l hawn u 'l hinn fuq l-art imhedda
Iberrqu ħluq tan-nar: mix-xtut għall-baħar
U mill-baħar għax-xtut tnewweb il-leħħa
Kiefra, qerrieda: u rajt knejjes jiġġarrfu
U djar jitkissru, bastimenti mċarrta
Imilu fuq il-mewġ u l-mewġ jiblagħhom.
Rajt nies miblugħa, mingħajr demm f'ħaddejha,
Taħrab minn djarha biex tiskenn ġo ħofra
Ħanina aktar mill-bniedem.
U smajt tnehid ta' nisa,
Nigħi ta' trabi u krib ta' xjuħ u morda,
Fil-waqt li mill-mejtin ma' l-art imxewlħa
Kienet tielgħa niġġiesa
L-intiena tat-taħsir.
Tkexkixt u qalbi kesħet:
Ridt nibki; iżda d-dmugħ, faraġ tan-niket,
Ma ħariġx minn għajnejja;
Ħarġet iżda minn qalbi
Għajta maħduma minn dagħdiegħa ħarxa.
F'dik it-telfa,
Ħarist il-fuq fis-sema
Biex nara; jekk ewwilla f'dak il-għoli
Kienx hemm xi ħjiel ta' faraġ. Sħaba mdardra
Kienet tgħajjeb il-ġmiel li ħalaq Alla,
U jiena rajt id sewda
Tikteb b'ittri tan-nar fuq is-sħab ikreh
Il-kelma "GWERRA".

DUN KARM.